# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' April, 2002 .

### Avviz numru : 2/1997G2(PC)

**Telemalta Corporation u b'nota tat-21 ta' Ottubru, 1998 il-Maltacom PLC assumiet l-atti billi hija s-successur taghha skond il-ligi .**

**VS**

**Anglu Camilleri .**

Il-Qorti ;

Rat l-avviz illi permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti sabiex ihallas is-somma ta' tmien mija u dsatax-il lira maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm819.57), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici ghall-kera telefonika, taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u ghall-uzu (calls/pulses) Lokali u 'overseas' u dana skond ma kif jidher spjegat mill-istatement mahrug mill-korporazzjoni attrici anness dokument B .

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Gunju, 1996, tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni .

Rat ir-riferta tal-konvenut li saret permezz tal-pubblikazzjoni fil-gazzetti .

Rat ukoll il-verbal ta' l-avukat Dottor Giorgina Scicluna Bajada ghall-konvenut illi kkontesta t-talba, u dana fil-verbal tat-2 ta' Mejju 2000 .

Rat ukoll id-depozizzjoni ta' Joseph Debrincat ghan-nom tas-socjeta' attrici, illi kkonferma illi l-istess socjeta' kienet qed tirreklama minghand il-konvenut is-somma ta' tmien mija u sebgha liri maltin (Lm807), u mhux is-somma indikata fl-avviz .

Innutat ukoll illi l-istess konvenut bl-ebda mod ma gab xi prova ghaliex it-talba attrici ma ghandhiex tintlaqa' .

Il-Qorti, ghal hekk, tiddecidi din il-kawza, u peress illi jidhrilha illi l-istess talba attrici hija gustitikata, billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta, u tikkundanna lill-konvenut Anglu Camilleri, sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u sebgha liri maltin (Lm807), dovuti lill-istess socjeta' attrici ghal kera tal-linja telefonika, taxxa fuq il-valur mizjud, fuq parti mill-kera, u ghall-uzu (calls u pulses), lokali u 'overseas' u dana skond kif spjegat mill-istatement mahrug mill-istess socjeta' attrici, u anness ma' dan l-avviz bhala dokument B .

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut .

(ft) Paul Coppini
Magistrat

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S297G2(Pc)
328